Leħen is-Soċjetà Muġikali

San Lawrenz

Belt Vittoriosa A.D. 1883

Ħarġa Nru 83

Settembru - Ottubru 2014

Welcome to BeBirgu!

BeBirgu

BeBirgu is Birgu's newest place to be!
Situated in the completely renovated
SAN LAWRENZ Band Club at the Victory Square.

BeBirgu welcomes you every day of the year
for drinks and great food
served in a European Brasserie setting
with a nice lounge style open air patio.

BeBirgu, San Lawrenz Band Club
Victory Square, Birgu
Tel: 77220077 | E-mail: Ed@bebirgu.com

Olde City Pub
is the Best

Restaurant, Take Away & Pizzeria

Prop. Michael Darmanin

99, St Lawrence Street, Vittoriosa
Tel: 21 663 614

Fava Woodworks Co. Ltd.

KW 17B, Corradino Industrial Estate, Paola
Tel: 2182 7650

Manufacturers of all types of Wooden Mouldings

Showrooms at the Factory and
80, St. Joseph High Road, Hamrun

SPECIAL PRICES FOR FURNISHED FLATS OWNERS

Kejkijiet ghall-Parties tat-tfal

Aghżel bejn Bob the Builder, Barbie, Dora,
Princess, Superman, Hello Kitty, etc.

Ċempel lil Steffi fuq 99426970 jew
e-mail: steffibugeja@yahoo.com

Soċjetà Mużikali San Lawrenz
Belt Vittoriosa

Il-Kelma tal-President

Lawrence V. Farrugia

Festa kbira u sabiħa, temp ħanin li din is-sena tana ċ-ċans ingawdu l-armar sabieħ li għandna. Grazzi lil dawk kollha nvoluti fl-organizazzjoni tal-Festa ta' San Lawrenz għax ħadmu fuq li ħadmu u bagħtew, l-aktar il-grupp ta' żgħażagħ li għal ġimgħat sħaħ qabel u wara l-festa fil-qilla tax-xemx ħadmu bla waqfien biex ramaw u żarmaw il-ħafna armar li għandna. Kien ta' sodisfazzjon tara lil kulħadd jaħdem u jikkopera flimkien u jgħin lil ħaddieħor għalkemm kellhom bżonn min jgħin lilhom. L-imġieba waqt il-marċi tal-briju kienet tajba u kulħadd ikkopera mal-ordnijiet mgħotija minn dawk responsabbli biex b'hekk kollox sar skont il-ftehim milħuq bejn ir-Rappreżentanti taż-żewġ festi li jsiru f'Beltna.

Inkun nonqos jekk ma nesprimix id-diżappunt tiegħi għaċ-ċelebrazzjonijiet fjkakki li għamilna meta lqajna fostna r-relikwija qaddisa tad-demm ta' San Lawrenz li tinsab f'Amaseno. Jekk nipparagunaw dak li għamilna ftit ġimgħat qabel meta ġiet lura l-istatwa ta' San Lawrenz mir-restawr ma' dak li sar fl-24 ta' Lulju, jara n-nuqqas t'entużjażmu li kien hemm. Aħna tal-Każin kburin li ħadna sehem bil-banda għalkemm kien hemm min ma riedx. Barra minnhekk, tajjeb li ngħidu li ġimgħat qabel konna offrejna li narmaw il-planċier artistiku tal-Każin fil-Pjazza biex il-Quddiesa pontifikali ssir fil-pjazza ewlenija ta' Beltna. Bħas-soltu dan is-suġġeriment ma ġiex milqugħ. Ħafna minna jiftakru sewwa ċ-ċelebrazzjonijiet kbar li saru meta fl-1997 lqajna fostna r-Relikwija tar-ras ta' San Lawrenz li bihom il-Poplu Lawrenzjan għandu jkun kburi.

Din is-sena fil-Każin kellna pressjoni aktar min-normal għaliex wara li fl-aħħar ġimgħa ta' Lulju żżarma l-armar tal-faċċata riedu jitnaddfu l-aperturi, jitwaħħal il-bankun tal-gallerija l-ġdida, jitnaddaf il-Każin u jintrama. Jiena ninsab sodisfatt ħafna li l-membri tal-Kumitat urew rieda u determinazzjoni straordinarja biex jaraw li kollox isir kif suppost u fiż-żmien avolja sibna min jipprova jfixkilna. Il-planċier artistiku tal-Banda baqa' ċ-ċentru tal-attrazzjoni fil-pjazza fil-ġranet tal-Festa. Din is-sena komplejna nsebbħu din l-opra b'leġiju tal-ġews u tapit għall-ewwel pjan tal-planċier li kompla jsebbaħ din l-opra tant sabiħa. Nittamaw li ma jdumx ma jsir ix-xogħol fil-pjazza biex inkunu nistgħu nagħmlu l-kontra zukklatura flimkien mad-dawl għal madwar il-planċier.

Donnu dan ix-xogħol u t-taħbit tal-festa ma kienx biżżejjed għalina għaliex waqt il-marċ tal-antiviġlja ġejna mitluba biex nhar is-Sibt 9 t' Awwissu nattendu fil-garage li hemm mikri biex jintrefa' l-planċier biex issir spezzjoni ħalli jiġi stabbilit minn fejn dieħel l-ilma tax-xita u x-xogħol li hemm bżonn isir. Jiena flimkien mal-Kaxxier insejna l-impenji konnessi mal-Marċ ta' filgħodu u fid-9.15 a.m. morna u attendejna mal-Perit tal-Kunsill.

Din is-sena l-Kumitat tal-Banda kien mistieden għar-riċeviment tal-Festa ta' San Duminku fejn tfakkar il-25 sena li Mro. Emmanuel Spagnol ilu jmexxi l-Banda Prince of Wales. Il-Kumitat iddeċieda li għal din l-okkażjoni għandu jagħti tifkira lis-Surmast Spagnol, li fil-bidu tal-karriera mużikali tiegħu kien Assistent Surmast tal-Banda tagħna. Però dan sar b'mod privat waqt ir-riċeviment minħabba li bi żvista ma konniex mitluba biex nagħmlu dan waqt il-preżentazzjoni. Lis-Surmast nawgurawlu aktar suċċessi fil-kamp Mużikali.

Grazzi ħafna lil dawk kollha li taw id-donazzjoni tagħhom biex jgħinu lill-Każin itaffi ftit mill ispejjeż kbar li l-Każin tal-Banda jagħmel fil-ġranet tal-Festa. S' issa il-ġabra laħqet is-somma sabiħa ta' €4,595. Għalkemm ninsab kuntent ħafna b'din is-somma, jiddispjaċini ngħid li hemm individwi li jħobbu l-Festa u jkunu quddiem il-marċ u kultant jiddettaw x'għandu jsir imma ma jagħtux ċenteżmu lill-Każin. Ma' dawn inżid lil uħud mill-Bars u l-Ħwienet li għalihom il-festa hija l-akbar okkażjoni fis-sena li jaqilgħu il-flus li ma tantx huma ġenerużi fl-għotjiet tagħhom.

Il-Kumitat quddiemu għandu programm ta' xogħol li jrid iwettaq u ninsabu konvinti li bl-għajnuna tagħkom jirnexxielna nwettquh bħal m'għamilna f'dawn l-aħħar snin li meta nħarsu lejn dak li sar fil-Każin, aħna li konna nvoluti nibqgħu skantati b'dak li rnexxielna nagħmlu fl-aħħar snin, proġetti li kienu ta' sfida kbira għalina. Ftit xhur oħra x-xogħol tal-faċċata inkluż il-gallarija għandu jkun lest u qegħdin nittamaw li x-xogħol tad-dawl jitlesta' sa qabel il-festa li ġejja. Minbarra l-ħafna xogħolijiet li l-Kumitat qiegħed jikkonsidra li jagħmel, irid isir ukoll ir-restawr tal-għamara rikka u sinjura bis-sopraporti li hemm fis-sala tal-Arkivju. Dan huwa wieħed mit-teżori kbar li ħallewlna missirijietna u hemm bżonn li nibżgħu għalih.

F'Jannar li ġej jintagħżel Kumitat ġdid għas-sentejn li jmiss. Wasal iż-żmien li jkun hemm uċuh ġodda inkluż xi ħadd minfloki. Hemm wisa' għal kull min irid jaħdem u jagħti s-sehem tiegħu. Nappella lil dawk li għandhom għal qalbhom il-Kazin tal-Banda sabiex joffru ftit mill-ħin tagħhom u jimpenjaw ruħhom fit-tmexxija tal-Każin. B'hekk inkunu qegħdin niżguraw futur tajjeb għas-Soċjetà tagħna.

Werrej

Il-Kelma tal-President	3
Mill-Birgu tal-Imgħoddi	4
Il-Fratellanza ta' Santa Katarina V.M. u tal-Bambin Ġesù	5
Waħda mill-ikbar Festi	6
Era ġdida bi sfidi kbar	7
Saħħa Palmiża	8-9
Għalina n-Nisa	10
Wiċċ'Imb'Wiċċ ma' Walter Attard	11/13
Attivitajiet Settembru/Ottubru	14

Editur
Simon Farrugia

Riklami
Oscar Adami
Simon Farrugia
Lawrence V. Farrugia
Elton J. Randich

Proofreading
Bjorn Callus

Ritratti
Melvin Degiorgio
Noel Gauci
Lawrence Parascandolo

Ritratt Faċċata

Jum il-festa 2014.
L-istatwa ta' San Lawrenz
quddiem il-Palazz tas-Soċjetà.

Stampat

Triq l-Industrija, Qormi
Tel: 21 250 994 Mob: 9949 0344
printright@onvol.net

Mill-Birgu tal-Imgħoddi

Anton Attard

Sunett għall-Festa ta' S. Lawrenz fl-1910

Waqt li kont qed nara l-briju fil-festa li għadha kif għaddiet, ġiet f'rasi d-drawwa ta' kitba ta' speċi ta' poeziji, fis-snin tas-seklu li għadda. Dawn kienu mfittxija ħafna f'jiem il-festi ta' dawn il-Gzejjer. Uħud minnhom, magħrufin bħala sunetti, kienu jiġu stampati fuq karti fini jew speċi ta' mkatar tal-ħarir, biex jintefgħu mill-galleriji jew it-twieqi, waqt li jkun għaddej il-marċ jew il-purċissjoni. Xi strofi minn uħud minnhom għadna nisimgħuhom waqt il-briju tal-marċi f'jiem il-festa sa 'llum. Dawn l-ispeċi ta' poeziji kienu jintbagħtu wkoll lill-ġurnali biex jixxandru qrib il-festa. Fil-ġurnal *Is-Salib* tas-6 ta' Awwissu 1910, ġie ppublikat sunett li, kif stqarr l-editur, kien l-isbaħ wieħed minn fost il-ħafna li rċieva dik is-sena. Dan is-sunett, li nkiteb minn Lorenzo Galea, awtur ta' ħafna poeziji jew sunetti li kienu jidhru f'jiem il-festi ċċelebrati f'din il-belt. .

Billi f'dan is-sunett, il-versi huma komposti minn ħames u erba' sillabi biss, l-awtur tah forma differenti minn dawk tas-soltu. Inrodd ħajr lis-Sur Fabian Mangion li, wara li ltaqa' miegħu, kien tant ġentili li għaddiehuli u jien inħoss li jkun xieraq li ngħaddih lill-qarrejja ta' dan il-fuljett. Forsi 'l quddiem inxandru oħrajn, għax mhux biss huma parti mill-istorja tal-festa ta' San Lawrenz tal-imgħoddi izda wkoll, għax issa, dawn u oħrajn bħalhom saru parti mill-folklor ta' Gżiritna. Is-Sunett kien dan:

Lill-Glorjuż Martri San Lawrenz

Lilek Lorenzu - O kbir qaddis
B'ġieħ aħna nsellmu - f'dal jum għażiż.
Għall-qima kbira - illi nġibulek
Dat-tifħir ilqa' - li qed noffrulek.
Int ġejt imnissel - fost il-bnedmin
Minn ġenituri - wisq qaddisin.
Mhux biss qaddisa - ma b'ġid mogħnija
Fost tant rikkezzi - qalb tant tgawdija.
Ma b'dana kollu - għaraft tant turi
Li ta' did-dinja - ma tridtx unuri.

Għax malli Alla - riedek għalih
Int kont pront widen - fis mort tagħtih.
Hemm f'Cesaraugusta - inti studjajt
Fejn riżultat - wisq tajjeb tajt.
Spiċċajt l-istudji - Dehert kollok ħieni
Suldat ta' Kristu - sirt dlonk qalbieni.
Għalhekk għal Ruma - mimli bil-ħrara
Tlaqt minn pajjiżek - biex tgħin'l-insara.
Fejn dawn l-imsejkna - fost tant ħruxija
Jinsabu kienu - qalb it-tbatija.
Hawn Sistu Papa - kbir djaknu tiegħu
Fis huwa ħatrek - biex taħdem miegħu.

Bis-Salib f'idek - int bdejt iddur
Tfarraġ lill-morda - lilhom iżżur.
Bi kliem ta' ħlewwa - b'għemil ħanin
Bdejt iġġib ruħek - Int mal-fqajrin.
F'ġherien midlama - kont tinżel magħhom
Qalbhom tqawwilhom - fil-hemm kbir tagħhom.

Kont magħruf - f'dil-ħidma tiegħek
Tant li l-morda - fis daru miegħek.
Zopop u għomja - u magħtubin
B'miraklu tiegħek - ġew imfejqin.
Persekuzzjoni - bil-wisq qalila
Qajmu l-għedewwa - hawn bl-akbar ħila.
Qalb Valerjanu - b'tant qilla kbira
Għall-fama tiegħek - rabbiet tant għira.

Kemm hemm teżori - ried lilu tagħti
La f'idejk dawna - kienu afdati.
Ma O x'risposta - mort inti tajtu
Għax kemm sibt foqra - ħadthomlu jgħajjtu.
Lkoll vuċi waħda - dawn l-imġewħin
Ħniena jitolbu - bdew l-imsejknin.
Ghal din id-daħka - tant avvelut
L-infami ordna - li tkun marbut.
Biex ġewwa kalzri - fost tant moħqrija
Iġieġħlek tibża - minn dit-tbatija.
Ma Oh x'kuraġġ! - hawn jidher fik
L-istess tiranni - lkoll stagħġbu bik.
Ghall- tant flaġelli - u kbar turmenti
Ħaseb edana - li ser tirrendi.
Ma jafx l-imsejken - l'int kellek miegħek
Kbira għajnuna - minn Alla tiegħek.
Dlonk ghall-flaġelli - ġismek offrejt
Swat l-aktar aħrax - hawn int bagħtejt.
Ġembejk bi pjanċi - tan-nar ħarqulek
B'daqqiet tal-ħaġar - snienek farrkulek.
Ma b'dana kollu - dejjem ferħan
Inti kont tidher - kollok serħan.

B'imxat wisq ħorox - kbar tal-ħadid
Maxtulek ġismek - fost tant theddid.
Fl-aħħar gradilja - taħtha nar bagħti
Huma lestewlek - biex it-tmiem tagħti.
Tal-kbir martirju - tiegħek glorjuż
Ghall-Knisja Mqaddsa - tant int famuż.

W hekk ir-ruħ tiegħek - bajda w sabiħa
Taret ghall-Ġenna - kollha rebbieħa.
Ghalhekk O martri - kbir missier tagħna
Minn ġewwa s-Sema - int ieqaf magħna.
Fil-hemm, fid-dwejjaq - idħol ghalina
Fit-triq tas-sewwa - ilkoll mexxina.

B'xhieda ta' mħabba - li nġibu lilek
Protettur tagħna - dlonk sejjaħnilek
Sabiex int tħares - lill-din il-Gżira
Li tant ħabbitek - b'imħabba kbira.
F'kull żmien ghaliha - kont bħala tarka
Fuqha kull hena - xerridt il-barka.

Jekk Spanja w Ruma - jiftaħru bik
Xejn inqas Malta - kull ġieħ tagħtik
U dana jidher - F'dal jum solenni
F'waqt li l-qalb tagħna - b' ferħ kbir ittenni

Viva l-Levita - Viva l-Hanin
Viva Lawrenzu - Viva l-Maltin

Il-Fratellanza ta' Santa Katarina V.M. u tal-Bambin Ġesù

kitba Lorenzo Zahra

Mill-vista pastorali ta' Mons. Balaguer (1635-1663) fil-Birgu, insiru nafu li meta Mons. Gargallo kien għamel il-vista tiegħu fl-1593 semma li kien hemm imwaqqaf mill-familja Abela, artal dedikat lil Santa Katerina fil-Kappella tal-Madonna ta' Monserrat. Fl-istess kappella kien hemm kripta (kantina) dedikata lil San Raimondu, Sant'Antnin ta' Padova u San Gejtanu. Hawn ta'min jgħid li l-ewwel kappella kienet inbniet mill-Isqof Mons. Gargallo bħala penitenza tiegħu, wara inċidenti li kellu mal-Inkwiżitur u mal-Kapitolu tal-Kattidral fl-1576 u fl-1582 (Giov. Bonello Sunday Times 26/6/2000 u JF Porsella Flores Leħen is-Sewwa Novembru 1999).

Il-Fratellanza ta' Santa Katerina, skont Dun Lawrenz Lanzon jsemmi li saret b'digriet tat-18 ta' Lulju, 1643 b'talba ta' Dun Anton Burlo (Ark. Lanzon Tomo V p.215). Naturalment il-ħidma tal-Fratellanza kienet tixbaħ lil dawk il-fratellanzi l-oħra għal ġid tal-imseħbin bit-tkattir ta' devozjoni lejn il-Qaddisa b'ħajja reliġjuża tajba. Kien wieħed mill-fratelli Guliermu Grech li waqqaf b'legat il-festa tal-qaddisa. Xi żmien wara, is-Sinjura Luċrezja Falzon Navarra waqqfet il-Festi ta' Sant'Antnin u dik ta' San Gejtanu.

Wieħed jifhem li l-fratellanza kellha bosta membri li kienu fil-mistier tal-kurdara, li jaħdmu l-ħbula u li kienu jżommu lil din il-qaddisa Martri protettriċi tagħhom. Din il-fratellanza fis-sena 1731 ingħatat Statut (Supp IV –pp 574 u 733). Fl-arkivju tal-Knisja ta' San Lawrenz, b'xorti tajba għadna nikkonservaw xi ftit kotba tal-Fratellanza fosthom ktieb li juri l-ismijiet tar-Retturi u prokuraturi u hemm insibu isem Dun Rafel Caruana li kien mużikant.

Il-Kappella tal-Gafa nbniet lejn is-sena 1694 imma għal bidu dik li qabel kienet il-Madonna ta' Monserrat, ġiet mibdula b'dedikazzjoni lill-Madonna tas-Silġ u l-kwadri kemm oriġinali kif ukoll dak tal-Madonna tas-Silġ inqerdu fil-gwerra meta ġġarfet is-Sagristija, l-Awla u l-Mużew f'Jannar 1941. (A. Attard – Malta u l-Madonna tas-Silġ – Il-Ħajja 4ċ8ċ1987).

Fil-Kappella ta' din il-Fratellanza fuq l-artal naraw in-niċċa tal-Bambin Ġesu' li saret fi żmien l-Isqof Mons. Alpheran (1728-57) mis-Sinjura Lucrezja Falzon Navarra. Imma x-xbieha tal-Bambin Ġesu' f'din il-Kappella kienet diġa tissemma meta Mons. Balaguer (1635-63) ġhamel iż-żjara tiegħu fl-1635. Jidher ġhalhekk li maż-żmien kotrot id-devozzjoni tal-poplu lejh u b'hekk wasslet ġhal twaqqif tal-kongregazzjoni marbuta ma' din il-fratellanza u l-Kappella li ġhal xi żmien ħadet prominenza. Kien Dun Frangisk Wizzino li fl-1745 meta Polikarpju Saliba kien prokuratur li saret l-ewwel sodalita' ta' Ġesu' Bambin. Meta fl-artal ta' din il-Kappella wasal il-Korp Sant ta' San Beninju fl-1726, rigal tal-Inkwiżitur, dan ġibed devozzjoni ta' bosta nies. Allura dik il-ħabta l-Kappella kienet dekorata mill-iskultur Fabri.

Ħarsa lejn il-Kappella ta' Santa Katerina wieħed jara titular, xogħol ta' Rokku Buhagiar li fih jurina iż-żwieġ mistiku ta' Santa Katerina, imma wkoll naraw lil Sant'Antnin u lil San Gejtanu biex ifakkru l-qima fl-imgħoddi lejhom fil-kappella l-antika li eżistit qabel inbniet il-kappella magħquda fil-Knisja Lawrenzjana tal-Gafa' fl-1696. Skont inventarju qadim tas-sena 1677, fil-kwadri oriġinali, fuq ras kull qaddis kienu mżejna b'kuruni tal-fidda. Kien hemm ukoll sett karti tal-glorji li kienu rigal tas-Sinjura Maria Manduca.

Kienet is-sena 1850 meta l-Fratellanza ordnat statwa tal-qaddisa li ħadem G. Vella. Il-faċċata tal-kappella ġiet imżejna bi skultura tal-injam qrib is-sena 1880 meta kien prokuratur il-Kan. Dun Lawrenz Dalli u r-Rettur kien Mikiel Giordano (Sup. 1880 I p375). Ix-xogħol kollu tal-iskultura fl-injam ingastat mal-faċċati huwa xogħol ta' Frangisk Ellul u tlesta ġhal ħabta tas-sena 1900. Dik il-ħabta kienet qamet kwistjoni wkoll dwar il-ħtieġa li ssir niċċa ġhall-istatwa tal-qaddisa (Sup. 1880/81 p285).

Ma' nistgħux ma'nsemmux li f'din il-kappella jinsab il-kwadru l-antik li juri lil San Rokku, San Pawl u San Bastjan li darba kien fuq l-artal tal-Kappella ta' San Rokku fejn kien hemm ukoll il-Fratellanza. Huwa xogħol ta' Filippo Paladin (1544-1614). Wieħed jara wkoll f'din il-kappella mal-ħajt żewġ lapidi ta' żewġ Gran Prijuri tal-Ordni li darba mexxew il-Knisja ta' San Lawrenz meta din kienet f'idejn il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Gwann bejn l-1530 u l-1572.

Naturalment il-Fratellanza kellha xi beni biex setgħet iżżomm il-kappella b'mod xieraq u tagħmel il-Festa. Ta' min jgħid li kienet issir Festa ġmielha lil Santa Katerina. Il-Fratelli kienu jieħdu ħsieb li jilbsu kunfratija bajda b'muzzetta ħamra imma fuqha kien hemm l-arma ta' Santa Katerina. Biżżejjed ngħidu li fl-1883 meta kien rettur is-Sur Gius. Porsella Flores ġhal festa kienet inġiebet ukoll il-Banda 'La Vallette' li ħadet sehem flimkien mal-Banda tal-Birgu 'Duke of Edinburgh" (Malta 27/11/1883).

Waħda mill-ikbar Festi!

Bjorn Callus - Segretarju

Ma tistax tkun involut fl-organizazzjoni tal-Festa, f'xi għaqda li tieħu sehem dirett fil-Festa, u ma tkunx kuntent u kburi b'dak li rajna bejn is-6 u l-10 t'Awwissu li għaddha. Rajna l-Birgu jilbes l-isbaħ libsa tiegħu, dik tal-armar ta' San Lawrenz, rajna l-Beltna maħnuqa bin-nies kuljum, rajna Laser show verament oriġinali u sabiħ, Programm Mużikali ta' vera, marċijiet tal-Antiviġila u l-Marċ ta' filgħodu bi briju li hawn ħafna lanqas joħolmuh, ħarqa nar kif suppost fil-Port il-Kbir u fuq kollox purċissjoni mill-isbaħ nhar il-Festa.

B'wiċċi minn quddiem ngħid li flimkien irnexxielna nagħtu lill-Festa *highlight* tajjeb ma' kull ġurnata li tiġi ċċelebrata. Fil-fatt, min issemmilu 6 t'Awwissu jiġih f'moħħu Symphony of Lights, 7 t'Awwissu Vittoriosa in Festa, 8 t'Awwissu Antiviġilja, 9 t'Awwissu Te Deum u La Notte di San Lorenzo, u l-10 t'Awwissu Purċissjoni. Kollha ġranet b'xi ħaġa speċjali li tattira l-eluf tan-nies dilettanti ġewwa Beltna. F'kelma waħda kienet Festa Kbira li għandha ttina kuraġġ biex nkomplu naħdmu u ninvestu fl-iktar ħaġa li hi għall-qalb in-nies tal-Birgu.

Min-naħa ta' każin, wara li tista' tgħid sar kważi miraklu sabiex il-każin kien preżentabbli u jista' jilqa' l-mistednin u l-pubbliku inġenerali, ma nistax ma nesprimix is-sodisfazzjon għal kif konna organizzati u ko-ordinati tajjeb, minkejja intoppi li jinqalgħu minn ħin għall-ieħor. L-iktar ġurnata importanti għalina hi dik tas-7 t'Awwissu, fejn prattikament nagħmlu ġurnata sħiħa l-Birgu biex nippreparaw għall-mużika u kull dettall ieħor għal dan il-Programm Mużikali.

U la qed nitkelmu fuq il-Programm Mużikali, ma nistax ma nesprimix is-sodisfazzjon li l-Banda San Lawrenz kienet fost l-ewwel baned, jekk mhux l-ewwel banda, li ntroduċiet il-Programm Mużikali b'tema. Illum hawn ħafna baned li mxew fuq il-passi tagħna, u sinċerament meta nibda nara t-temi magħżula nidħak għax fil-waqt li aħna, b'mod speċjali jien personali nkisser rasi sabiex nsib tema li qatt ma ntużat minn xi banda, ħaddieħor jaqbad u jagħżel tema li bi probabilita` tkun ġa ntużat, anke minnha, imbgħad jiġi jgħid li hu Oriġinali. Nidħak, m'hemmx kelma oħra! Ta' min isemmi kif fi spazju ta' xahar u nofs fil-Kottonera ser ikunu saru 2 programmi bl-istess Tema, Tema li aħna ilna ftit snin mhux ħażin li għamilniha.

Sfortunatament (jew Fortunatament, skont kif taraha) ma tantx għandna l-lussu li nieħdu xi brejk mill-attivita` tal-każin. Dan għaliex wara l-Festa l-każin ried jiżżarma u l-ħsieb li jmiss imur lejn il-Birgu Fest bħala attivita` kbira li jmiss. Diġa` konna bdejna naħdmu fuqha, imma issa x-xogħol ser jintensifika ruħu bla dubju ta' xejn. Din is-sena waqt il-Birgu Fest bi ħsiebna nkunu differenti mis-soltu u armati iktar, inkluż bil-każin miftuħ. Nemmnu li għandna ġawhra bis-sala ta' fuq u tal-arkivju li tista' tiġi sfruttata u anke murija lill-pubblika li ma tantx jafħa. Flimkien ma' dan ninsabu kburin bix-xogħol tal-Faċċata kif ħareġ, fejn tista' tgħid kulħadd baqa' mbellaħ bis-sbuħija li fl-aħħar rajna. Żgur li ħadd qatt ma kien ta kas li l-faċċata fiha dak il-lavur kollhu.

Xtaqt nagħlaq dan l-artiklu billi nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kellhom sehem fil-Festa li għadha kemm għaddiet. Dan għaliex kulħadd mexa hekk kif indikat minn dawk responsabbli, speċjalment waqt il-marċijiet u flimkien irnexxielna nagħmlu spettaklu sħiħ. Inħarsu 'il quddiem għall-festa oħra, suċċess ieħor, sena xogħol ta' ħidma li nisperaw li tħalli l-frott. Tislijiet.

L-Assistent Surmast Ugo Buhagiar flimkien ma' Mariah Treeby, bandista li għamlet id-debutt tagħha mal-Banda Vittoriosana San Lawrenz fil-festa 2014

Era ġdida bi sfidi kbar

minn Simon Farrugia - Delegat tal-Banda

Diġa` għadda xahar mill-Festa Kbira li erġajna għamilna ad unur tal-Padrun tal-Belt tagħna San Lawrenz. Kienet Festa oħra suċċess, Festa li din id-darba bdiet aktar kmieni mis-soltu, Festa li kellha sinjifikat partikolari.

Wara li f'Mejju li għadda t-toroq tal-Belt tagħna flimkien mal-Pjazza ewlenija ta' Beltna imtlew bil-ferħ għall-miġja lura tal-Istatwa titulari ta' San Lawrenz, fl-aħħar ġimgħa ta' Lulju kellna fostna relikwija oħra, din id-darba d-demm ta' San Lawrenz li nġieb minn Amaseno, l-Italja. Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz ħadet sehem fiż-żewġ okkażjonijiet b'daqq ta' innijiet Lawrenzjani.

Apparti dan il-ġranet tal-Festa kienu għaxqa fejn bil-Birgu armat kif jgħidu l-Inġliżi *to the full* folol kbar ta' nies attendew f'kull ġurnata tal-Festa sabiex jaqsmu l-ferħ magħna. Minn qatt jista' jinsa l-ġmiel ta' marċ u 'Symphony of Lights' nhar is-6 t'Awwissu organizzata b'tant professjonalita` mis-Sezzjoni Żgħażagħ? U xi ngħidu għall-Antivigilja, il-marċ il-kbir bi briju fenomenali u ftit siegħat wara l-marċ ta' filgħodu bil-kulur aħmar jispikka u jixgħel lill-Belt Rebbieħa. Filgħaxija l-ispettaklu offrut fil-Port il-Kbir mill-Għaqda Piroteknika 10 t'Awwissu kien mument ieħor memorabbli fil-Festa 2014. Ovvjament dan kollu wassal għall-Jum tant għażiż għalina l-Vittoriosani. Jum il-Birgu, Jum il-Festa, Jum il-Padrun, Jum il-martirju ta' San Lawrenz, Jum l-10 t'Awwissu.



Il-Pontifikal Solenni u l-Proċessjoni kienu mumenti li nibqgħu niftakru. X'ma tidwix l-għajta 'VIVA SAN LAWRENZ' tal-kotra li ħonqot il-Knisja Monumentali tagħna fid-dħul majestuż tal-istatwa mad-daqq tal-antifona tal-Kanonku Dun Alwig Fenech.

Pero' fost dawn kien hemm l-aktar jum impenjattiv u importanti għall-Banda tagħna – is-7 t'Awwissu. Data li issa ilha għal dawn l-aħħar snin abbinata mal-Programm Mużikali ' Vittoriosa in Festa'. Għal darb'oħra l-Banda tagħna esegwiet Programm eċċezzjonali fejn taħt id-direzzjoni tal-maħbub Surmast Paul Schembri ħarġet l-aqwa mit-tema 'The Eu in Concert'. Dan kien programm ieħor b'differenza f'għeluq l-10 Anniversarju mid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Forsi ħamsa jew għaxar snin oħra jkun hawn baned oħra li jikkuppjaw din it-tema. Che Bella Ewropa.

Minn hawn ħarsitna tmur 'il quddiem. F'Soċjetà attiva` bħalma hija tagħna ma tantx hemm ċans ta' waqfien. Insemmu l-passat biss biex jibqa' mfakkar fl-istorja, mill-bqija mill-ewwel tibda jew aħjar tkompli għaddejja l-ħidma. Diġa` nafu t-tema li ser nagħmlu għall-Programm tas-sena d-dieħla, tinkwetax ħbieb oriġinali ser tkun u sabiħa. Kif jgħidu t-Taljani Bella anzi Bellissima.

Il-ħidma fil-Kummissjoni Banda hija waħda kontinwa fejn wara li kollox ġie għan-normal wara l-Festa issa fassalna programm ta' xogħol u ressaqnih quddiem il-Kumitat. Fost id-diversi proġetti li ser naħdmu fuqhom matul din is-sena hemm l-irranġar u l-bdil fejn hemm bżonn tal-kopertini tal-mużika. Ser isir librett ġdid tal-marċi funebri biex jinġabru l-aħjar marċi f'librett wieħed. Qegħdin naħsbu wkoll biex inżidu u nirranġaw l-uniformi li nużaw fis-servizzi sekondarji. Iridu jsiru xi ftit aktar *polo shirts* biex inleħħqu mad-domanda tal-banda. Apparti dan hemm imbagħad ix-xogħol li huwa ppjanat li ser isir għall-programmi li għandna li possibilment ser ikollna matul is-sena li ġejja.

Ser inkomplu naħdmu sabiex intejbu aktar l-iskola tal-mużika fejn hemm pjanijiet kbar sabiex dan isir u l-isfidi huma kbar. Din is-sena ser tkun waħda ta' tranżizzjoni fi ħdan il-Kummissjoni Banda. Sena li ser tkun il-bidu ta' era ġdida, sfidi ġodda li ser iwasslu għal aktar mumenti glorjużi u snin ta' suċċess.

MENSWALITA`

Għad fadal membri li għadhom ma ħallsux il-miżata tagħhom għal din is-sena. Jekk joġġħobkom għamlu dan mingħajr aktar dewmien.

Il-briju kbir waqt il-marċ ta' filgħodu fi Triq il-Mina l-Kbira - ritratti mill-ajru li juru l-verita li ma jista jmeriha ħadd - Is-Sibt 9 t'Awwissu, 2014

Il-gawhra ta' Knisja monumen

It-tlugħ tal-istatwa ta' San Lawrenz jaġħti d-dawl lill-ġħomja bi Triq il-Mina l-Kbira mballata bin-nies - Il-Ġimgħa 8 t'Awwissu, 2014

Waqt ir-riċeviment mogħt i m
nhar it-Tlieta

Anteviġilja
Festa San Lawrenz 2014 Birgu Città Vittoriosa

Ir-relikwija bid-demm ta' San Lawrenz quddiem il-Palazz tas-Soċjeta fejn il-Banda taġħna ħadet sehem b'daqq ta' Innijiet Lawrenzjani - Il-Ħamis 24 ta' Lulju, 2014

Il-pjazza maħnuqa bin-ni
Symphony of Lights org

SAT
PA

Sezzjoni
Symp

tali mix ghula fl-okkażjoni tal-Festa 2014

'Vittoriosa in Festa' Il-Ħamis 7 t'Awwissu, 2014
- Programm b'tema oriġinali ' The EU in Concert' -
Suċċess kbir ieħor mill-Banda ewlenija tal-Belt Rebbieħa

is-Soċjeta' Mużikali San Lawrenz
5 t'Awwissu, 2014

es.....il -ġurnata hija l-Erbgħa 6 t'Awwissu -
ganizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi

Spettaklu uniku fil-Port il-Kbir -
Is-Sibt 9 t'Awwissu, 2014 - La Notte di San Lorenzo

Għalina n-Nisa

riċetta

Cheesecake taċ-ċikkulata u banana

Ingredjenti

30g Ċikkulata sewda
60g Butir bla melħ
125g Gallettini taċ-ċikkulata

Għall-Mili
4 Mgħaref ilma kiesaħ
15g Trab tal-ġelatina
250g Ġobon artab
90g Caster Sugar
2 Bajdiet separati
150 ml Jogurt naturali
Qoxra (zest) u meraq tal-lumija
150ml Krema - whipping cream
4 Bananiet
Nokkli taċ-ċikkulata għat-tiżjin
Ftit icing sugar għat-tiħjin

Metodu:
Ibda billi tagħamel il-bażi tal-gallettini. Dewweb flimkien iċ-ċikkulata u l-butir ġo kazzola. Sadattant farrak il-gallettini. Ħawwad kollox imbagħad poġġi. Ġo dixx tal-kejk ta' 20cm. Kessaħ fil-friġġ waqt li qed tħejji l-mili. Biex tagħmel il-mili, dewweb flimkien l-ilma u l-ġelatina ġo kazzola bil-misħun. Ġo bowl kbira ħabbat flimkien il-ġobon u z-zokkor, imbagħad itfa l-isfar tal-bajd, il-jogurt, il-qoxra tal-lumi u l-meraq. Għaffeġ 2 bananiet u żidhom mal-oħrajn. Żid it-taħlita tal-ġelatina u ħabbat tajjeb ġo żewġ bowls oħra ħabbat l-abjad tal-bajd f'waħda u l-krema fl-oħra. Kompli billi tħallat il-krema mat-taħlita tal-ġobon u fl-aħħar itfa' l-abjad tal-bajd. Qatta' iż-żewġ bananiet li ikun fadal u poġġihom fuq il-bażi tal-gallettini. Itfa' fuq it-taħlita, illixxa u kessaħ sakemm toqgħod (għal madwar siegħa jew sagħtejn). Meta tkun lesta, neħħi mid-dixx u żejjen bin-nokkli taċ-ċikkulata. Xerred ftit icing sugar u servi.

Ix-Xemgħa

• Ix-xemgħa sservi aktar u tixgħel aħjar, jekk qabel ma tużaha, iddaħħalha fil-friżer għal bosta sigħat.
• Biex ix-xemgħa tinħaraq bil-mod u tkun tista' titħalla tixgħel għal bil-lejl, itfa' ftit melħ ħdejn il-ftila.
• Il-ftila tax-xemgħa ma ddaħħanx jekk qabel tixgħelha, xxarrabha fil-ħall u tħalliha tinxef qabel tużaha.
• Meta x-xemgħa ma tibqax dritta, daħħalha fi ftit misħun jaħraq, u ħalliha biżżejjed fil-misħun biex tagħtik ċans tobromha fuq mejda biex tiddrittaha.
• Meta twaqqa' xemgħa fuq xi oġġett, poġġih fil-friżer ħalli x-xemgħa tibbies u tinkiser biċċiet. Jekk jibqa' xi xemgħa fuq il-materjal, poġġi t-tebgħa tax-xemgħa bejn biċċtejn karta xuga u għaddi ħadida sħuna minn fuqha. Il-ħadida trid tkun baxxa biex tagħti ċans ix-xemgħa tinħall u tinxtorob mil-karta xuga.
• Ressaq il-karta xuga lejn partijiet indaf tax-xuga u kompli għaddi min fuq ix-xemgħa sakemm ma jkunx baqa' xemgħa aktar. Jekk ix-xemgħa kienet ikkulurita u baqa' l-kulur fid-drapp, naddfu bl-ispirtu vjola. Jekk id-drapp ikun tan-najlon, l-ispirtu ħalltu mal-ilma, daqs kemm tkun għamilt spirtu. Wara aħsel bil-misħun skont sakemm ikun jiflaħ id-drapp.

Tajjeb li tkun taf

1. Il-ħabaq jgħinek biex tikkalma jekk tħossok nervuża jew tbati min-nuqqas ta' rqad.
2. It-tursin fih kemm vitamini kif ukoll minerali li huma tajbin għan-nervi. Użaħ biex iżżejjen wiċċ il-platt, ferrxu fuq l-insalata, il-ħut, it-tjur, is-soppa u l-bajd.
3. Is-sagħtar (thyme) hu toniku għan-nervi: użah mas-soppa u l-istuffat.
4. Il-klin (rosemary) jgħinek meta tkun ansjuża, jekk tkun taħt stress jew tensjoni. Użah mat-tiġieġ u mal-ħaruf.

Wiċċ Imb'Wiċċ ma' Walter Attard

minn Paul Micallef

Bħala persuna mill-Birgu lil Walter ili nafu. Għalkemm hemm erba' snin biss bejnietna pero` xorta inqisu ta' ġenerazzjoni ta' qabel l-eta` tiegħi. Tiskanta anki f'medda ta' ftit snin il-ħajja soċjali tal-Birgu ta' dak iż-żmien tant kienet għanja li kienet tinbidel kontinwament. Għalhekk dak li kien popolari fi żmienu mhux neċessarjament kien popolari fi żmieni u l-kontra.

Liċeo

Huwa wkoll kien imur fl-istess skola sekondarja li kont immur jien, il-Liċeo u billi kien erba' snin ikbar minni kien l-ors tiegħu u ta' sħabu li kienu fl-aħħar sena li fil-break kienu joħdulna l-ballun u joqogħdu jinkuna billi konna għadna deħlin ġodda l-iskola. U jien billi kont it-tieni l-iqsar tal-klassi kont wieħed mill-aktar vittmi vulnerabbli għal dan 'l-isport' favorit tal-istudenti l-kbar.

Sinċerament nistqarr li minħabba li Walter hu kważi daqsi u mhux anzjan li għandu xi rakkonti ta' dari forsi wkoll ta' żmien il-gwerra ħsibt li ma tantx kont se nsib x'nikteb. Pero` verament kont imqarraq għax ma' Walter tista' tiftaħ konverżazzjoni intelliġenti u varjata minħabba li hu bniedem kolt u jżomm ruħu nfurmat fuq ħafna suġġetti, dan minbarra li hu bniedem edukat b'moħħ miftuħ li tieħu gost titħadded miegħu.

L-Interviżta

Iltqajna d-dar tiegħu fi Triq il-Mina l-Kbira u bl-isfond tal-marċi tal-Festa l-oħra tal-lokal tlaqt għal għonq it-triq biex niskopri iktar (għalija u għall-qarrejja) min hu dan Walter u anke l-konnessjoni li kellu mal-każin tagħna. Dan waqt li l-ħin kollu l-mara tiegħu Anna dejjem iżżommli t-tazza bis-*soft drink* kiesħa mimlija sax-xfar biex intaffi daqsxejn mis-sħana t' Awwissu u n-nixfa tal-ilsien u l-griżmejn.

L-isem Walter

U mill-ewwel beda jitfaċċa tagħrif interessanti jekk mhux ukoll uniku. Naturalment staqsejtu fuq ismu Walter, li ma tantx hu komuni fil-Birgu, jekk issib forsi xi tnejn oħra u hemm skoprejt ukoll fatti ġodda.

Walter qalli li minn ġenerazzjoni għall-oħra familtu, li oriġinarjament kienet mill-Belt Valletta, sa mill-bużnannu ta' missieru li kien perit jew kif kien maghruf dak iż-żmien *civil engineer* dejjem żammew dak l-isem għalkemm l-oriġini ta' dan ma jafx min fejn ġie. Li hu nteressanti li fis-sena 1883 wieħed mill-arblu tar-razza bl-istess isem tiegħu, ċertu Walter Attard kien Viċi-President tas-soċjetà tagħna, dak iż-żmien Duke of Edinburgh, u kien kiteb ittra lill-istess Duka biex ikun Patrun tal-banda u li tista' ġġib ismu.

Kopja ta' din l-ittra storika għamlet żmien imwaħħla f'post prominenti ħafna f'waħda mis-swali tal-palazz taghna.

Bla qaddis ma titgħammidx!

U biex inkompli nżid fuq l-isem, il-qassis Spanjol li għammed lit-tarbija Walter għamel ftit reżistenza jekk mhux ukoll oppożizzjoni għal dan l-isem għax kif kienet l-użanza dak iż-żmien, it-tfal insara kienu jixtiequhom li jkunu imsemmija għall-qaddisin. Minbarra li minn informazzjoni li nġabret jidher li diġa` hemm qaddis bl-isem ta' Walter pero` l-argument tal-ġenituri fuq il-fonti tal-ilma imbierek kien li jekk matul is-sekli (fejn iċ-ċinturin kien jissikka ferm iktar f'dawn ir-regolamenti) kienu diġa` issemmew għal dan l-isem għaliex issa fl-għoxrin seklu meta suppost immaturajna għandu jkun hemm problema? Ir-riżultat kien li għaddiet tal-familja Attard u hekku Walter tagħna dakinhar issemma' Walter. Wara kollox jekk qatt ma kien hemm qaddis bl-isem ta' Walter, forsi jkollna l-ewwel wieħed mill-Birgu b'dak l-isem. Għala le?

Ċiprijott , Ingliż u Malti

Mela kif forsi jaf kulħadd Walter hu t-tifel ta' Emmanuel Attard jew kif konna nsibuh aħna l-Birgu 'Is-sur Manwel'. Wara kollox min ma kienx jafu lis-Sur Manwel li llum m'għadux magħna? U hekk billi missier Walter kien surġent fl-armata ingliża hu kien iservi f'diversi pajjiżi fejn l-Imperu Ingliż dak iż-żmien kien jifrex it-territorju tiegħu. Tiftakruha din 'Rule Britannia, Britannia rule the waves!'?

Għalhekk fiż-żmien li twieled Walter il-familja Attard kienu Nicosia, Ċipru u hu twieled f'dik l-art fis-27 ta' Settembru tas-sena 1956.

Għal naqra ... Taxi baby

Billi s-servizzi Ingliżi kienu joffru akkomodazzjoni lin-nisa tqal ta' iktar minn 7 xhur fi sptar apposta, omm Walter kienet marret hemm. Pero` billi diġa` kellha 5 t'itfal ma setgħetx tħallihom waħidhom u għalhekk kellha tiffirma biex tmur lura lejn id-dar. Missier Walter kien ftiehem ma' wieħed tat-taxi li meta jibda l-uġiegħ tal-ħlas ikun pront iwassalhom l-isptar. Li ġara kien li minħabba s-sitwazzjoni politika huma u sejrin l-isptar b'ommu twaħwaħ bl-uġiegħ tant iltaqgħu ma' *roadblocks* li damu ma waslu l-isptar u Walter għoddu twieled fil-karozza!

Baby sitter armat

Billi dak iż-żmien f'Ċipru s-sitwazzjoni kienet taħraq bejn il-Griegi u t-Torok kien hemm ħafna tensjoni tant li missieru kien joħrog l-*istengun* (speċi ta' xkubetta) u jaħbiha fil-pram minħabba l-biża` reali minn xi attakk mill-gwerilla tal-grupp EOKA.

Familja

Bħala familja kif diġa` ktibt missieru kien Manwel li miet erba' snin ilu, ommu Ċetta minn Ħal Qormi u qegħdin 7 aħwa li huma Mary li hi l-mara ta' Oscar Adami il-kaxxier tal-każin, Rose, Carmen il-mara ta' Maurice Busuttil, Ġużi, Lorry, magħruf aħjar bħala l-Ġermaniż, Walter u Irene bħala oħtu iż-żgħira. Interessanti li Lorry magħruf bħala Ġermaniż mhux għax forsi twieled hemm iżda għax kien jilgħab b'ġugarell li kien assoċjat mal-Ġermanja u t-tfal sħabu kienu tawh dan il-laqam li għadu jġorru miegħu sal-lum.

Tfulija u edukazzjoni

Meta kellu tliet snin Walter flimkien mal-familja marru l-Ġermanja fejn ma tantx għandu memorji ħlief li jiftakar biss li kellhom karozza Opel u li l-familja tiegħu kienet għamlet ħbieb ma' ċertu Yuta. Ta' 5 snin ġew Malta u wara l-iskola tal-Karmnu mar l-iskola tal-Ingliżi fuq Verdala. Fl-1964 meta kellu 8 snin il-familja marret il-Ġermanja eżattament Hemlin fid-distrett ta' Hanover. Walter jiftakar il-monument li jfakkar fil-ħrafa dwar il-ġrieden u l-firien ta' Hans Christian Anderson 'The Pied Piper of Hemlin'. Sena u nofs wara fl-1966 meta kien hemm it-Tazza tad-Dinja missieru ġie trasferit għall-Ingilterra. Fil-fatt Walter jiftakar li kien ingħata mudell tal-mascot Willy. Walter jiftakar li kienu joqogħdu f'post il-barra mill-Belt qalb l-għelieqi ħodor mimlija baqar.

Skola

Walter mill-ewwel wera li moħħu kien itih għall-iskola tant li fil-*grammar school* li kien imur kien ġie l-ewwel mill-klassijiet kollha u anke ħa l-ewwel premju fl-ingliż meta hu kienx ingliż iżda barrani! Mhux hekk biss iżda l-kap tal-iskola tant ra potenzjal akkademiku f'Walter li meta kienu se jitilqu mill-Ingilterra kien offrielu li jieħu r-responsabbilta` tiegħu u jħalluh bħala *boarder* fl-istess kulleġġ biex ikompli l-istudji tiegħu. Għalkemm il-ġenituri għarfu u apprezzaw dan il-ġest pero` xtaqu li l-familja tibqa' magħquda flimkien.

Lura Malta

Fl-1969 missieru rtira mis-servizz u hekk bħala familja irritornaw lura Malta u marru joqogħdu fi Triq Mistral fejn illum għadha toqgħod ommu. Hu beda jahdem mal-gazzetta The Times. Walter għall-ewwel kien se jidħol St. Edwards pero` wara li dak iż-żmien tkellmu ma Mrs. Mortimer li kienet id-Direttur tal-Edukazzjoni u raw iċ-ċertifikati Walter iddaħħal il-Liċeo fejn mhux l-ewwel darba li anke ġie l-ewwel fil-klassi u ħa premijiet kemm tal-Franċiż kif ukoll tat-Taljan.

Walter u ħutu kienu jitkellmu bil-Malti d-dar u għalhekk kienu jafu jitkellmuh u jifhmuh pero` kellu problema biex jiktbu għalhekk kien jieħu privat kemm tal-Malti kif ukoll tal-Franċiż.

Tmiem l-istudju

Walter ma riedx ikompli jistudja wara s-sekondarja. Hu jaħseb li dan ġara billi fir-raba' klassi ġab ħafna 'O' Levels, is-sistema kienet li fil-ħames sena ma kellekx għaliex tattendi il-klassijiet li kont diġa` ġibt is-suġġett tagħhom. Li forsi ġara li Walter bdiet togħġbu l-ħajja soċjali u għażel ix-xogħol milli l-kotba. Għalkemm biex ngħidu kollox, il-mentalita` dak iż-żmien kienet ferm differenti mil-lum. Meta kont iġġib l-'O' Levels u forsi xi 'A' Level' qisek ġibt baċellerat jew masters tal-lum.

Xogħol

Ta' 17 il-sena Walter daħal jaħdem bħala kaxxier l-ajruport. Fl-1975 għamel eżami mal-gvern u għall-ewwel daħal bħala gwida (*custodian/guide*) u wara skrivan mal-Public Works. Ma' dan id-dipartiment prattikament qatta' iż-żmien kollu tax-xogħol tiegħu fejn dar diversi sezzjonijiet fosthom dak tal-Human Resources fejn anke ġie promoss għall-grad ta' *Senior Principal*. Dan l-aħħar ġie trasferit mal-MSDEC, fid-dipartiment responsabbli mit-*tenders* fi ħdan il-Ministeru tal-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima fejn għadu hemm sal-lum.

Deo Gratias!

Insemmi fatt li darba għal xi raġuni jew oħra ma kellix karozza u Walter għamilli pjaċir u tani lift. Ġara li meta mort għax-xogħol indunajt li l-kartiera ma kinitx għandi. Inzerta li dakinhar kelli ħafna flus fuqi, jekk jien korrett sew il-fuq minn mitejn lira ta' dak iż-żmien. Naturalment jien iġġennint. Ħsibt li tliftha u addio l-flus (probabbilment bħas-soltu ma kinux tiegħi iżda flus tar-reklami). Ħsibt fuq li ħsibt u ftakart li kont tlajt fil-karrozza ta' Walter u forsi waqgħetli hemm. Ċempilt lil Walter u wegħdni li se jmur jiċċekkja. Tgħidx kemm tlabt qaddisin, santi padri u arkanġli fosthom lil Sant Antnin li suppost isib il-ħwejjeġ mitlufin sakemm ħadt ir-risposta li kollox sew għax kienet weqgħetli fil-karozza tiegħu. Tistgħu taħsbu kemm irringrazzjajtu u apprezzajt l-irġulija u s-sinċerita` tiegħu.

Abbati bil-lieva

Walter qatt ma kien abbati. Iżda Renzo Degabriele, is-sagristan ta' dak iż-żmien kien qabadha drawwa li kien jgħajjatlu biex jgħin fil-quddiesa. Billi ma kienx jaf kif, din il-ħaġa ma tantx għoġbitu lil Walter għalhekk kien iħalli l-quddiesa toħroġ u jidħol kemmxejn tard. Iżda minkejja li l-quddies tkun diġa` leħqet bdiet Renzo kien xorta jsejjaħlu għal fuq l-artal hekk kif kien jiċċumbah mistoħbi wara n-nies fil-bankijiet tal-ġenb.

Youth Centre

Kontra t-tfal ta' żmienu , Walter qatt ma mar il-mużew minħabba li kien barra minn Malta. Hu beda l-ħajja soċjali tiegħu il-Youth Centre ta' Triq Desain li kien immexxi minn Dun Pawl Camilleri fejn il-logħob kien jitmexxa minn Ġanni Agius 'tar-romblu'. Walter jiftakar li ħdejn it-tfal l-oħra tant kien kwiet li darba Ġanni tah pupu tal-Gwardji Svizzeri tal-Papa. Hu kien jilgħab ukoll fit-team tal-Youth Centre.

Azzjoni Kattolika

Kien jiffrekwenta wkoll l-Azzjoni Kattolika immexxi minn

Dun Lawrenz Bonnici. Għall-ewwel kienu jiltaqgħu fl-Oratorju tal-Kurċifiss imbgħad, fil-knisja tat-Trinita` u wara meta xolja l-Partit ta' Pellegrini, Dun Lawrenz kien ħa l-post ta' Triq il-Mina l-Kbira. Walter qatt ma ħa sehem fil-Kumitat Ċentrali iżda kien fil-Kummissjoni Sports fiż-żmien li jista' jitqies bħala l-aħjar żmien taċ-Ċentru taż-Żgħażagħ , kif beda jissejjaħ wara. Jiftakar ukoll lil Twanny Gauci idawwrilhom xi film kif ukoll id-diversi attivitajiet fosthom dinner dances, hikes eċċ.

Oqsma oħra

Hu qatt ma refa' fil-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira pero` għal tliet snin infila fiż-żmien Toni Agius, ir-romblu kien libes il-persunaġġ ta' Mose` (li anke jien ġieli lbist). Hu qatt ma tista' tgħid li kien midħla tal-armar tal-knisja jew tal-festa. Anke fil-futbol għalkemm kien tajjeb tant li anki kien il-*captain* tat-team tal-primarja tal-iskola wara t-team tal-Youth Centre u tal-Young Rovers, laġħab xi ftit logħbiet mal-minors pero` għalkemm ġieli tela' *training* qatt ma laġħab mal-ewwel team tal-Vittoriosa Stars.

Każin

L-element li lil Walter ressqu lejn il-każin tagħna kien il-billiard tant li anke ġieli ħa xi tazzi għax rebaħ xi kompetizzjonijiet. Lorry Scicluna, li kien Direttur tal-Billiard kien talbu biex jagħtih daqqa t' id. Hu ma rrifjutax u minn hemm spiċċa biex bejn 1982 u 1984 kien fil-Kumitat Ċentrali bħala rappreżentant tas-soċi.

Ħajja Personali

Walter iltaqa' mal-mara tiegħu Anna nee Brown waqt il-provi ta' dramm tal-passjoni li kienu jsiru fis-sala tal-Parroċċa. Walter jgħid li kellu beritta li Anna talbitielu u minn hemm niżel is-seħer ta' Kupidu.

Hekk li Walter iżżewweg lil Anna fil-25 ta' Lulju tal-1982 u għandu żewġt itfal, Alexia fis-sena 1983 u Christian fl-1988. Illum Walter u Anna huma nanniet għax miż-żwieġ ta' Alexia ma' Johann (mill-Birgu ukoll) kellhom lil Krista. Walter saħaq li s-sodisfazzjon kbir tiegħu hu li dak li fl-iskola ma laħaqx hu laħquh it-tfal tiegħu għax it-tnejn marru l-Universita` u llum gradwati.

Għeluq

Dwar il-każin Walter qalli li dejjem żamm stabbli matul is-snin. Hemm ċerta serjeta` u ma jiġix aċċettat kollox. Bħala President, Lawrence Farrugia dejjem wera sens kbir ta' tmexxija u dixxiplina, għandu mentalita` pożittiva u hu personalment jammirah ħafna. Taħtu s-soċjetà għamlet avvanzi kbar, il-faċċata ġiet sabiha, sar l-iżvilupp kbir fil-bar kif ukoll is-sala tal-billiard hi l-għira ta' kulħadd.

Billi l-Birgu għandu popolazzjoni li dejjem qed tikber qiegħed ikun hemm inqas żgħażagħ li lesti jagħmlu sagrifiċċju u jiddedikaw ħinhom għal din is-soċjetà.

Dwar il-Birgu, Walter qalli li dan l-ahhar snin anke grazzi għall-ħidma tas-Sindku u l-Kunsill Lokali din il-Belt minn *depressed area* sar post il-ġmiel tiegħu. Ghalkemm immaturajna ħafna, pero` jixtieq li jkollna iktar moħħ miftuħ u jekk mhux inneħħu nnaqqsu ċerti piki żejda dwar fanatiżmu kemm tal-politika u tal-festi.

U b'dawk il-pariri ta' persuna li taf xi tgħid u għandha rasha fuq għonqha jien niżżilt l-aħħar boqqiet tas-*soft drink* kiesaħ u sellimt lil Walter sodisfatt u kuntent waqt li kkumentajt bejni u bejn ruħi "jekk kulħadd ikun bħal Walter ikollna mhux biss Birgu iżda Malta u anki dinja ferm aħjar'. Emmnuni għax hekk hu.

BIRGU FEST 2014

Fl-okkażjoni tal-Birgu Fest 2014 il-Kumitat sejjer jorganizza bejgħ ta' kotba Second Hand mill-Każin. Dawk kollha li għandhom kotba li m'għandhomx aktar użu huma ġentilment mitluba li jġibuhom il-Każin u jagħtuhom lil xi membru tal-Kumitat.

ATTIVITÀ GĦAX-XHUR TA' SETTEMBRU - OTTUBRU 2014

Il-Ħadd 7 ta' Settembru	**JUM IL-BIRGU**
It-Tnejn 8 ta' Settembru	**Festa Pubblika Jum il-Vitorja**
L-Erbgħa 10 ta' ta' Settembru	Fl-10.00 a.m. Laqgħa tal-Kummissjoni Finanzi
Mill-Erbgħa 10 ta' Settembru sal-Ħadd 14 ta' Settembru	"Qatt Ma Ninsa" - Rappreżentazzjonijiet mill-Passat fil-bitħa tal-Każin bejn is-7.00 pm u 8.00 pm
Il-Ġimgħa 12 ta' Settembru	Fis-7.00 p.m. Laqgħa tal-Kummissjoni Attivitajiet Soċjali
It-Tlieta 16 ta' Settembru	Fis-7.00 p.m. Laqgħa tal-Kumitat Ċentrali
Il-Ħamis 18 ta' Settembru	Fis-6.00 p.m. Laqgħa Kummissjoni Birgu Fest Fis-7.00 pm Laqgħa tal-Kummissjoni Banda
Il-Ħadd 21 ta' Settembru	**Festa Pubblika Jum l-Indipendenza**
It-Tlieta 23 ta' Settembru	Mis-6.00 p.m. Sad-9.00 p.m. Ħlasijiet tal-Bandisti
L-Erbgħa 24 ta' Settembru	Mis-6.00 p.m. Sad-9.00 p.m. Ħlasijiet tal-Bandisti
Il-Ħamis 25 ta' Settembru	Mis-6.00 p.m. Sad-9.00 p.m. Ħlasijiet tal-Bandisti
It-Tlieta 30 ta' Settembru	Fis-7.00 p.m. Laqgħa tal-Kummissjoni Ġimgħa Kbira
L-Erbgħa 1 t' Ottubru	Fis-7.00 p.m. Laqgħa tal-Kumitat Ċentrali
Is-Sibt 4 t' Ottubru	Riċeviment fis-Sala Prinċipali tal-Każin
L-Erbgħa 8 t' Ottubru	Fl-10.00 a.m. Laqgħa tal-Kummissjoni Finanzi
Il-Ġimgħa 10 t' Ottubru	Birgu Fest 2014
Is-Sibt 11 t' Ottubru	Birgu Fest 2014
Il-Ħadd 12 t' Ottubru	Birgu Fest 2014
It-Tnejn 13 t' Ottubru	Fis-7.00 p.m. Laqgħa tal-Kummissjoni Billiard
L-Erbgħa 22 t' Ottubru	Fis-7.00 p.m. Laqgħa tal-Kummissjoni Milied
Il-Ġimgħa 24 t' Ottubru	Fis-7.00 p.m. Laqgħa tal-Kummissjoni Attivitajiet Soċjali
It-Tlieta 28 t' Ottubru	Fis-7.00 p.m. Laqgħa tal-Kumitat Ċentrali

hsbc.com.mt
2380 2380
HSBC
Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c., 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1444

MIFSUD GARAGE LTD.

IRONMONGERY

Għal dak kollu li wieħed ikollu bżonn għad-dar

56, La Vallette Street, Vittoriosa

Tel: 2180 7535

Breakaway Travel
Blacktown

George Vella
Managing Director

94 Cnr Main & Campbell Street
BLACKTOWN NSW 2148
PO Box 27, BLACKTOWN NSW 2148

Tel: 02 9622 7799
Fax: 02 9671 6706
Mobile: 0408 079 246
Email: gvella@breakawaytravel.com.au

Proud to be associated with the Committee of the St Lawrence Band Club, Vittoriosa, Malta

SOCJETÀ MUZIKALI SAN LAWRENZ
BELT VITTORIOSA
A.D. 1883